# KUNSILL LOKALI IR-RABAT
# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA
# MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 60

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 22 ta' Novembru 2016 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Christian Azzopardi | Ambaxxatur |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

*** **Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.**

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 59**

| | | |
|---|---|---|
| 1.01 | Il-minuti tas-seduta numru G59 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. | Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 59 |
| **2.00** | **Punti li joħorġu mill-Minuti G 59** | Punti li joħorġu mill-Minuti G 59 |
| 2.01 | 3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li t-talba lil-Lesa kienet saret. | Talba għal *speed camera* ġo Vjal Il-Ħaddiem |
| 2.02 | 11.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li kienet tkellmet mal-perit dwar il-proposta tal-Kunsill. | *Upgrade* tal-bandli ta' Ġnien Bir Iljun |
| **3.00** | **Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza** | |
| 3.01 | Is-Sindku informa l-laqgħa li hemm bżonn li ssir manutenzjoni fiż-żona tal-Imtaħleb. Huwa ppropona li l-Kunsill japprova n-nefqa għal 50 jarda konkos sabiex issir il-manutenzjoni meħtieġa. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. | Manutenzjoni fiż-żona tal-Imtaħleb |
| 3.02 | Is-Sindku ppropona li ssir talba lil 'Transport Malta' sabiex jiġu installati żewġ *Ubars* ġo Triq Ġorġ Borg Olivier quddiem il-bibien numru 90 u 92. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. | Installazzjoni ta' *UBars* |
| ** | Il-Kunsillier Nazju Cassar daħal għal-laqgħa fit-7.45 ta' filgħaxija. | |
| *** | **Is-Sindku ppropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi *item* nru 4 tal-aġenda jiġi diskuss wara *item* nru 12 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun preżenti sabiex ikun jista' jagħti r-rendikont finanzjarju. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.** | |
| **5.00** | **Ċirkulari Numru 36/2016 – *Templates* tal-Aġenda u l-Minuti** | |
| 5.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill Ċirkulari 36/2016 li titratta t-tħejjija tal-Aġenda u l-Minuti. Il-Kunsill iddiskuta ċ-ċirkulari u ħa nota tagħha. | Ċirkulari Numru 36/2016 – *Templates* tal-Aġenda u l-Minuti |
| **6.00** | **Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet** | |

| | | |
|---|---|---|
| 6.01 | Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 263 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi u l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament. | L-iskeda tal-ħlasijiet numru 263 |
| 6.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kien reġa' wasal iż-żmien biex il-Kunsill iħallas il-miżata għas-sħubija tal-Fondazzjoni Majjistral għas-sena 2014-2020. Il-ħlas huwa ta' €4,500. Is-Sindku ppropona li din il-miżata tiġi mħallsa. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament. | Ħlas tal-miżata għas-sħubija tal-Fondazzjoni Majjistral għas-sena 2014-2020 |

**7.00 Korrispondenza**

| | | |
|---|---|---|
| 7.01 | B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1116/16**, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Ministru kien laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex il-post tal-Kunsillier Paul Grech ma jiġix dikjarat vakanti. | Attendenza tal-Kunsillieri |
| ** | Il-Viċi Sindku Doris Coleiro daħlet għal-laqgħa fit-8.00 ta' filgħaxija. | |

**8.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduti numru B26 u B27**

| | | |
|---|---|---|
| 8.01 | Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija B26 u B27 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. | Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduti numru B26 u B27 |

**9.00 Materji Oħra**

| | | |
|---|---|---|
| 9.01 | Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li jsir *patching* fin-niżla ta' Triq il-Lellux peress li hemm diversi ħofor. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Stephen Borg. Il-Kunsill qabel unanimament. | *Patching* Triq il-Lellux |
| 9.02 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li z-*zebra cross* ta' Triq Ġorġ Borġ Olivier ħdejn il-Knisja ta' San Bastjan tinsab mitfija. | *Zebra cross* ta' Triq Borg Olivier ħdejn il-Knisja ta' San Bastjan mitfija |
| 9.03 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li ħdejn ir-*roundabout* tan-Nigret fejn qed isir il-proġett, hemm żewġ barrikati tal-ġebel li bil-lejl qed ikunu perikolużi għas-sewwieqa. Huwa talab li ninfurmaw lill-awtorità responsabbli sabiex isir dawl adekwat madwar dawn il-barrikati. | Barrikati perikolużi ħdejn ir-*roundabout* tan-Nigret |
| 9.04 | Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li jiġu installati żewġ bozoz ġodda milli l-Kunsill għandu fuq il-*waiting list,* fiż-żona ta' Koronja ħdejn il-pont. Is-Sindku Charles Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. | Installazzjoni ta' bozoz ġodda |
| 9.05 | Il-Kunsillier Nazju Cassar ilmenta li l-qtugħ ta' ħaxix mhux qed isir regolarment | Qtugħ ta' ħaxix mhux isir b'mod |

| | | |
|---|---|---|
| | mill-kuntrattur. | regolari |
| 9.06 | Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li niktbu lid-Direttorat tat-Tindif sabiex jitnaddfu l-widien. | Talba sabiex jitnaddfu l-wieden |
| 9.07 | Il-Kunsillier Nazju Cassar saħaq dwar il-bżonn ta' *patching* fiż-żona tal-Wied tal-Isqof. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat 'il-laqgħa li peress li l-Wied tal-Isqof jagħmel parti miż-żona tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù, kienet ser tgħaddi l-ilment lill-Kumitat Amministrattiv. | *Patching* fil-Wied tal-Isqof |
| 9.08 | Il-Kunsillier Nazju Cassar qal li hemm xi siġar selvaġġi fit-triq tal-Buskett li hemm bżonn li jinqatgħu u titnaddaf iż-żona ta' madwarhom. | Żbir ta' siġar fit-Triq tal-Buskett |
| 9.09 | Il-Viċi Sindku Doris Coleiro qalet li fi Triq Għajn Qajjet ħdejn blokk D u E hemm żewġ siġriet li għandhom bżonn jinżabru. | Żbir ta' siġar fi Triq Għajn Qajjet |
| 9.10 | Is-Sindku talab li issa li nbeda l-proċess sabiex tiġi ingaġġata persuna fi skala 15, jinħatar Bord tal-Għazla. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro pproponiet li l-Bord ikun kompost mis-Sindku Charles Azzopardi, mill-Kunsillier Ian Vassallo u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna. Orietta Cardona. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. | Ħatra tal-bord tal-għazla |
| 9.11 | Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 1/2016 - Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – EPPS*), is-Sindku ppropona li l-*Opening Staff* tal-offerta RLC/T/0156/16 għall-kostruzzjoni ta' struttura biex tgħatti sejbiet arkeoloġiċi bl-użu ta' metodi u materjal li ma jagħmilx ħsara 'l-ambjent, ikun kompost kif ġej:<br><br>*PO/OS* - Is-Sra Brendaline Attard<br>*PO/OS* - Is-Sra Victoria Privitera<br><br>Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. | *Opening Staff* – Offerta għall-kostruzzjoni ta' struttura biex tgħatti sejbiet arkeoloġiċi bl-użu ta' metodi u materjal li ma jagħmilx ħsara 'l-ambjent |
| 9.12 | Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 1/2016 – Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – EPPS*), is-Sindku ppropona li l-Kumitat tal-Evalwazzjoni tal-offerta RLC/T/0156/16 għall-kostruzzjoni ta' struttura biex tgħatti sejbiet arkeoloġiċi bl-użu ta' metodi u materjal li ma jagħmilx ħsara 'l-ambjent, ikun kompost kif ġej:<br><br>Ċerpersin *PO/ESR* – Is-Sna Orietta Cardona<br>Membru *PO/ES* – Is-Sindku Charles Azzopardi<br>Membru *PO/ES* – Is-Sur Andrew Mallia<br>Membru *PO/ES* – Is-Sna Janice Dingli<br>Segretarju *PO/ES* - Is-Sra Roberta Galea<br><br>Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament. | Kumitat tal-Evalwazzjoni – Offerta għall-kostruzzjoni ta' struttura biex tgħatti sejbiet arkeoloġiċi bl-użu ta' metodi u materjal li ma jagħmilx ħsara 'l-ambjent |
| 9.13 | Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 1/2016 - Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – EPPS*), is-Sindku ppropona li l-*Opening Staff* tal-offerta RLC/T/0157/16 għall-kisi mill-ġdid ta' toroq bl-użu ta' | *Opening Staff* – Offerta għall-kisi mill-ġdid ta' toroq |

miżuri li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent, ikun kompost kif ġej: — bl-użu ta miżuri li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent

*PO/OS* - Is-Sna Janice Dingli
*PO/OS* - Is-Sra Victoria Privitera

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.14 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 1/2016 – Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – EPPS*), is-Sindku ppropona li l-Kumitat tal-Evalwazzjoni tal-offerta RLC/T/0157/16 għall-kisi mill-gdid ta' toroq bl-uzu ta mizuri li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent, ikun kompost kif ġej: — Kumitat tal-Evalwazzjoni – Offerta għall-kisi mill-ġdid ta' toroq bl-użu ta miżuri li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent

Ċerpersin *PO/ESR* – Is-Sna Orietta Cardona
Membru *PO/ES* – Is-Sindku Charles Azzopardi
Membru *PO/ES* – Is-Sur Andrew Mallia
Membru *PO/ES* – Is-Sna Fabienne Muscat
Segretarju *PO/ESR* - Is-Sra Roberta Galea

Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

**4.00 *Quarterly Financial Statements* (Lulju - Settembru)**

4.01 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw il-*Quarterly Financial Statements* għall-perjodu ta' Lulju - Settembru 2016. — *Quarterly Financial Statements* (Lulju - Settembru)

4.02 Is-Sindku ppropona li l-*Quarterly Report* jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja ta' dan il-*Quarterly Report* tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

**10.00 Data tas-seduta li jmiss**

10.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 20 ta' Diċembru 2016 fis-7.00 ta' filgħaxija. — Data tas-seduta li jmiss

10.02 Il-laqgħa ntemmet fid-8.40 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum .............................. ............ ta'......................... 2016

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Charles Azzopardi** | **Orietta Cardona** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |